TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 571/10

**Caroline Debono**

**vs**

**Go-Shop Malta.com**

Illum 27 ta' Lulju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-13 ta' Jannar, 2011 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' mija u ħamsa u sebgħin ewro (€175), rappreżentanti prezz ta' P.S.P li wara xi tliet xhur, din waqfet taħdem.

Is-soċjeta' intimata ma ppreżentatx risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanżi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat P.S.P. mingħand id-ditta intimate u fix-xhieda rriżulta li nxtrat għal mija u disgħa u erbgħin ewro (€149) u li ħallset ħamsa w għoxrin ewro (€25) oħra sabiex tissewwa wara ftit żmien għaliex kellha l-ħsara, u li xorta baqgħet bl-istess problemi.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal jinnota illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata kemm bl-avviż tat-talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ u msejjħa tliet darbiet, baqgħet ma dehritx għas-seduta.

It-Tribunal jinnota wkoll illi sal-ħin tas-seduta, s-soċjeta' intimata kienet għadha ma bagħtitx risposta bil-miktub.

Għaldaqstant it-Tribunal qed jemmen il-verżjoni tar-rikorrenti li l-P.S.P. kienet difettuża u li wara tliet xhur kellha l-problemi, kif ukoll it-Tribunal jinkkonsidra illi s-soċjeta' intimata ma kkontestatx it-talba u allura t-Tribunal iqisha bħala aċċettazzjoni da parte tagħha li kien hemm it-tort.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' mija u ħamsa u sebgħin ewro (€175), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**